MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 94/2012

**Raymond Sammut u martu Jane Sammut**

**vs**

**Karkanja Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

Illi fl-ghoxrin (20) ta' Lulju elfejn u tlieta (2003), kien gie ffirmat konvenju bejn il-partijiet ghax-xiri ta' porzjon art markata bhala plot numru tnax (12), li tinsab fi Sqaq bla numru u bla isem li jizbokka fi Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u tmienja u tletin metri kwadri (138m.k.), u konfinanti mit-tramuntana mal-isqaq, punent u lvant ma' beni ohra tal-kumpannija intimata, bil-

prezz pattwit ta’ erbgha u erbghin elf liri Maltin (Lm44,000), illum ekwivalenti ghal €102,492.43;

Illi minn dan il-prezz ir-rikorrenti kienu hallsu lill-kumpannija intimata s-somma ta’ sebgha u erbghin elf seba’ mija u tnejn u hamsin ewro u sittax-il centezmi (€47,752.16), u cjoe’ hames mitt liri Maltin (LM500) ekwivalenti ghal €1164.69 fit-22 ta’ Mejju 2003, xahrejn qabel ma kien gie ffirmat il-konvenju, u ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) ekwivalenti ghal (€46,587.47) fit-23 ta’ Lulju 2003;

Illi dan il-konvenju kien skada, u tilef il-validita’ tieghu billi l-permess tal-izvilupp fuq dik l-art kien baqa’ ma harigx kif kien imwieghed;

Illi minkejja li r-rikorrenti talbu lis-socjeta’ intimata tirrifondilhom il-flus li kienu hallsuha bhala depozitu akkont tal-prezz pattwit, is-socjeta’ intimata minkejja li accettat li thallashom lura dawn il-flus, naqset sallum li taghmel dan;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma kienx baqalhom triq ohra hlief li jipprocedu gudizzjarjament ghall-hlas lura ta’ dawn il-flus kontra l-kumpannija intimata, u ghall-imghax legali mit-23 ta’ Lulju 2003;

Illi r-rikorrenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-procedura kontemplata taht l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 billi sa fejn jafu huma s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet validi x’taghti kontra t-talba taghhom;

Illi l-ammont li tieghu r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas huwa wiehed cert, likwidu u dovut;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh normali tal-kawza skond il-procedura stabbilita bl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tiddikjara dovuta lill-atturi s-somma ta’ sebgha u erbghin elf seba’ mija u tnejn u hamsin ewro u sittax-il centezmi (€47,752.16) ghar-ragunijiet imsemmija;

3. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi dan l-ammont ta’ seba’ u erbghin elf mija u tnejn u hamsin ewro u sittax-il centezmi (€47,752.16), bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ Lulju 2003 sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta, inkluzi tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Awwissu 2012.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka.

Rat id-digriet tas-17 ta’ Ottubru, 2012.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta’ Novembru 2012 u tat-22 ta’ Novembru 2012 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha ezebew il-korrispondenza elettronika markata Dok MS 1 u inoltre’ permezz ta’ l-istess nota rtiraw in-nota taghhom prezentata aktar kmieni filghodu fir-Registru u rriducew is-sorte ghal €40,752.16 stante li fil-mori tad-differiment thallsu l-imghax sallum u parti mis-sorte. Dr Scerri rrinunzja wkoll ghal dik il-parti mit-tielet talba fejn intalbu l-imghaxijiet b’effett mit-23 ta’ Lulju 2003, b’dan li l-imghaxijiet legali ghandhom jiddekorru b’effett mill-ahhar ta’ April 2013 f’kaz li sa dakinhar is-socjeta’ konvenuta tkun ghadha ma ssaldatx il-bilanc tal-hlas, dan skont ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet f’laqgha li nzammet fil-mori tad-differiment.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif ridotti u amendati fit-termini tal-verbal tat-22 ta’ Novembru 2012.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet f'din il-kawza waslu fi transazzjoni u infatti talbu lill-Qorti taghti sentenza ai termini ta' l-istess ftehim.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici biss bil-mod kif gej billi:

1. tiddikjara dovuta lill-atturi s-somma ta' erbghin elf seba' mija u tnejn u hamsin ewro u sittax-il centezmi (€40,752.16);

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi dan l-ammont ta' erbghin elf seba' mija u tnejn u hamsin ewro u sittax-il centezmi (€40,752.16), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-ahhar ta' April 2013 f'kaz li sa dakinhar is-socjeta' konvenuta tkun ghadha ma ssaldatx il-bilanc tal-hlas jew fuq dak il-bilanc li ma giex saldat minn dakinhar sal-pagament effettiv.

B'dan illi din is-sentenza ghandha ssir esegwibbli b'effett mill-1 ta' Mejju 2013.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluzi tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awwissu 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------